**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**
**Nru. 10/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 10/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 09/2015

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 09/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 09/2015

Dwar il-*fencing* ġdid li sar fi Triq il-Wied, il-Kumitat qabel li jwaħħal żewġ sinjali juru "Ma għandux isir tixbit mal-*fence*''.

Dwar ir-*reserved parking bay* ta' Ms Hulme fi Triq Santa Marija, il-Kumitat qabel mal-lokazzjoni proposta għal dan il-*bay* minn Transport Malta.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mill-Malta Tourism Authority dwar attivita` ġewwa Marsalforn fl-okkażjoni tal-World Tourism Day 2015. Il-Kumitat qabel mal-attivita` proposta mill-Malta Tourism Authority.

Komunikat tas-Sur James Wightman dwar il-problema tas-sewqan tar-roti kontra l-linja fi Triq Santa Marija.

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | | Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn |
|---|---|---|
| (i) | Gozo Youth Council<br>Biex jagħmlu kunċert nhar id-9 ta' Awwissu 2015 fi Triq il-Port. | Approvata. |
| (ii) | James Said<br>Biex jarma l-Bumping Cars mis-26 ta' Lulju fis-sit riservat għad-dgħajjes fil-*car park*. | Rifjutata. |

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 20/2015 – is-Sur Rudy Mantaj**

Talab biex issir rampa għal siġġu tar-roti fil-bankina tar-residenza 'Tat-Trux Court' fi Triq is-Salini. It-talba kienet approvata.

**Nru. KAM 21/2015 – is-Sur Paul Mizzi**
Talab biex issir rampa fil-bankina quddiem ir-residenza 'PaulJane' fi Triq Ta' Barda. Nistaqsu lil Mizzi l-iskop li ssir rampa fil-bankina.

**Nru. KAM 22/2015 – is-Sur Joseph Zammit**
Biex jitpoġġa bank fil-bajja tal-Qbajjar, taħt ir-riħ ta' Triq Santa Marija. It-talba kienet approvata mill-Kumitat; isir mill-Beach Cleaning Section.

**Nru. KAM 23/2015 – is-Sinjura Jane Bonnici**
Issuġġeriet li:

- jitpoġġew żewġ bankijiet oħra fil-bidu ta' Triq ix-Xagħra (min-naħa tax-Xagħra). Rifjutata – iċ-Chairperson qalet l-art hija proprjeta` tal-privat.
- Triq il-Wied fejn sar *fencing* ġdid tintuża biss mill-bdiewa. Suġġeriment rifjutat.

**Nru. KAM 24/2015 – is-Sur Joseph Zammit**
Irrapporta li hemm siġra mejta fis-*soft area* ta' Triq il-Qolla s-Safra. Ġie deċiż li Richard Axiaq jintbagħat jaqla' din is-siġra.

**Nru. KAM 25/2015 – is-Sur George Debrincat**
Biex isiru l-*parking bays* fi Triq Santa Marija. Is-suġġeriment ma kienx milqugħ peress li t-triq mimlija garaxxijiet.

**Nru. KAM 26/2015 – is-Sinjura Mary Mizzi**
Talbet biex titwaħħal lampa ġdida fi Triq il-Plejju, mal-ħajt ta' Triq ix-Xagħra. It-talba għal lampa ġdida kienet approvata.

**Nru. KAM 27/2015 – is-Sinjura Mary Mercieca**
Talbet biex isiru *double yellow lines* man-naħa t' isfel tal-garaxx tar-residenza 43, Triq Santa Marija (li jiġi quddiem il-bieb tal-komun). Talba approvata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 28/2015 – is-Sinjuri Georgina Camilleri u Anna Farrugia**
Biex Triq il-Qbajjar, mill-kantuniera ta' Triq Barda sa kantuniera ma Triq il-Forn, issir *one-way*.

Saret diskussjoni sħiħa fuq il-proposta.

Iċ-Chairperson ressqet il-proposta għall-vot.

Favur – iċ-Chairperson

Kontra – il-Viċi Chairperson, is-Sur Cefai u s-Sra. Grech
Astensjonijiet – Xejn.

Il-proposta li Triq il-Qbajjar issir *one-way* ma għaddietx.

Is-Sur Martin Cefai ppropona li:

- n-naħa tal-Lighthouse Supermarket, isiru *double yellow lines* biex jikkumplimentaw is-sinjali tat-traffiku eżistenti.
- minn ta' Dirjanu Supermarket l' isfel sa faċċata ta' Triq il-Forn, isiru *double yellow lines*.

Iċ-Chairpeson ressqet il-proposta ta' Cefai għall-vot.

Favur – Is-Sur Cefai u s-Sra. Grech
Kontra – Iċ-Chairperson
Astensjonijiet – il-Viċi Chairperson.

Il-proposta li jsiru *double yellow lines* fi Triq il-Qbajjar għaddiet.

## 6. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel li:

- Triq il-Wied, dik il-parti tat-triq li tiġi kantuniera ma Triq Lapsi u tiżbokka fi Triq il-Munġbell issir żona pedonali mit-8.00pm sa nofsillejl.
- jitnaddaf ix-xelter li nstab fil-bidu ta' Triq ix-Xagħra.
- ikun eliminat arblu tal-Enemalta minn fuq bankina fil-bidu ta' Triq ix-Xagħra.
- il-Perit joħroġ stima biex tinbidel il-bankina u minflok issir tal-porfido ta' Triq il-Wied, minn kantuniera ma Triq l-Isqof Pace sa kantuniera ma Triq il-Munġbell (mal-bini).
- il-Perit joħroġ stima biex isir traqqiegħ bil-konkos ta' Triq il-Luzzu.
- jitlob lill-Beach Cleaning Section biex ipoġġu *litterbins* mill-Pierre's il-ġewwa.
- il-Perit joħroġ stima biex jinqalgħu l-*bollards* u jinbidel ir-*railing* fil-*belvedere* ta' Triq Santa Marija, fuq ir-riħ tal-Otters.

Il-Kumitat approva x-xiri ta' tlett bankijiet mis-suwed għal fuq il-*promenade* ta' Marsalforn, faċċata tal-ATM tal-BOV.

Is-Sur Martin Cefai ppropona li tkun introdotta *residential parking scheme* ġewwa Marsalforn, fejn numru ta' *parking bays* ikunu riservata għar-residenti ta' Marsalforn.  Gie deċiż li ngħaddu l-proposta lil Transport Malta.

Iċ-Chairperson ipproponiet li fi Triq ir-Rabat, faċċata tal-Crystal Palace jsir *communal reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita`. Qbil mal-proposta taċ-Chairperson.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna għat-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***